**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 238/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Glen Charles Bonnici**
**(ID 551685(M))**

**Illum 31 ta' Jannar 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Glen Charles Bonnici**, iben Joseph u Mary Grace nee` Zammit, imwieled il-Pieta`, nhar il-5 ta' Novembru 1985, residenti Nru 13, 'Claire de Lune', Triq Dun Alwig Camilleri, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 551685(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-21 ta` Settembru 2008, kif ukoll matul it-tliet xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu**;

3. Ikkommetta l-imsemmija reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skont l-Artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkużat ukoll talli kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano fis-26 ta' Jannar 2007.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tgħaddi għall-konfiska tal-mus in kwistjoni.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) datat 17 ta' April 2009, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' April 2009;

Rat ukoll illi l-kawża bdiet tinstema' quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fil-15 ta' Frar 2010;

Rat in oltre illi f'din l-istess seduta, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, iżda limitatament dwar il-pussess sempliċi tad-droga eroina[1];

Rat ukoll illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' April 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qegħda tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

**L-Ispettur** (illum Supretendent) **Johann J. Fenech** xehed illi nhar il-21 ta' Settembru 2008, huwa bagħat xi Uffiċjali tal-Pulizija mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga sabiex jagħmlu spezzjonijiet ħdejn il-*club* tal-boċċi ġewwa l-Fgura. Hemmhekk ġie mwaqqaf l-imputat, u dan wara li deher jarmi xi oġġetti fl-art. Skont ix-xhud, fl-art, PS 1044 sab *flick knife* żgħira u ħames pakketti żgħar b'trab ta' lewn skur, liema oġġetti ġew esebiti minnu bħala Dok. JF 1. L-imputat ġie arrestat u dakinhar stess, huwa rrilaxxja żewġ stqarrijiet, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi. Dawn l-istqarrijiet ġew esebiti mix-xhud bħala Dok. JF 2 u JF 3.[2]

**PS 1044 Gordon Calleja** jixhed illi nhar il-21 ta' Settembru 2008, waqt illi kienu qegħdin jagħmlu ronda ġewwa l-Fgura, resqu lejn il-klabb tal-boċċi, fejn raw erba' żgħażagħ bil-wieqfa ħdejn il-*pitch* tal-boċċi. Ix-xhud jgħid illi huma raw lil ġuvni minnhom – li wara rriżulta illi kien l-imputat odjern – jagħmel moviment u rema xi ħaġa fid-direzzjoni tal-*pitch*. Għalhekk daħlu fil-*pitch*, fejn kienu raw lill-imputat jarmi, u sabu ħames pakketti f'forma ta' *sachets* li kien fihom

[1] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[2] A fol. 11 sa 14 tal-proċess. Ix-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech tinsab a fol. 8 sa 10 tal-proċess.

sustanza suspettata eroina. Sabu wkoll mus. Dawn l-oġġetti ġew elevati u ġew mgħoddija lill-Ispettur, filwaqt illi l-imputat ġie arrestat.[3]

**WPC 297 Reanne Spiteri** tixhed illi fil-jum in kwistjoni, waqt li kienu qed jagħmlu ronda fl-akkwati ta' ħdejn il-klabb tal-boċċi tal-Fgura, innutaw persuna suspettuża ossia lill-imputat odjern. Skont ix-xhud, kif ressqu lejh, dan ħareġ xi affarijiet mill-but u remihom mal-art, liema oġġetti rriżultaw li kienu xi pakketti tal-*foil* b'sustanza kannella suspettata eroina u mus.

In kontro-eżami x-xhud tgħid illi hekk kif resqu lejn l-imputat, dan daħħal idejh fil-but u rema l-oġġetti mal-art "*li kienu hdejh, ezatti hdejh u kien hemm il-mus li kien ftit boghod mill-pakketti li sibna ma l-art*".[4]

In ri-eżami, ix-xhud tgħid illi ma jidhrilhiex illi kien hemm persuni oħra apparti l-imputat.[5]

**PC 1348 Joseph Campbell** jixhed illi fil-jum in kwistjoni, fil-viċinanzi tal-klabb tal-boċċi, innutaw lill-imputat u kif avviċinawh, dan rema xi ħaġa fuq it-taraġ tal-*pitch* tal-boċċi, fejn instabu ħames pakketti li kienu jikkontjenu suspettata droga u mus. Dawn ġew elevati u mgħoddija lill-Ispettur Fenech u l-imputat ġie arrestat.[6]

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat nhar il-21 ta' Settembru 2008, liema stqarrijiet ġew rilaxxjati minnu lill-Pulizija Eżekuttiva wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorji tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorji. Fil-kors tat-trattazzjoni tagħha, id-difiża ssollevat l-inammissibilta` ta' dawn l-istqarrijiet bħala prova, fid-dawl ta' dan in-nuqqas.

Il-Qorti tosserva illi fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna suspettata jew arrestata bid-drittijiet appena msemmija. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35 tas-sena 2010, filwaqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

[3] A fol. 17 u 18 tal-proċess.
[4] A fol. 24 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 23 sa 25 tal-proċess.
[6] A fol. 40 u 41 tal-proċess.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi**, wara referenza kostituzzjonali ta' din il-Qorti kif preseduta. F'dak il-każ, l-imputata Josianne Azzopardi rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-13 ta' Frar 2004, liema stqarrija hija kkonfermatha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa dakinhar stess. Qabel l-interrogatorju tagħha, hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, iżda ma ngħatatx id-dritt li tottjeni parir legali, u wisq inqas il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fl-istess stqarrija, l-imputata għamlet diversi dikjarazzjonijiet inkriminanti. Wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza lokali u anke tal-Qorti Ewropea dwar dan il-punt, il-Qorti Kostituzzjonali ddisponiet mir-referenza bil-mod segwenti:

> "Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet mingħaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.
>
> ...

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Josianne Azzopardi fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi ġie mittiefes id-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fl-24 ta' Frar 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Josianne Azzopardi ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, madanakollu, issib illi jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 u l-istqarrija li tat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proċeduri kriminali de quo. Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-

> akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
>
> 37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sandro Spiteri</u>** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta'

avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **<u>Philippe Beuze vs Belgium</u>** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-

avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **<u>Ibrahim and Others v. United Kingdom</u>** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**<u>Beuze v. Belgium</u>** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...
>
> 23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ ieħor deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **<u>ta' Beuze v. Belgium</u>**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-

> sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix li l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis***, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonoxxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal **Beuze v. Belgium**, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** fuq ċitata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> "Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Farrugia vs. Malta**, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:

> "Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija

tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello** u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:

> "fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".

Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu 2020, fejn l-istess Qorti qieset ukoll illi:

> "21. L-istqarrija in kwistjoni <u>m'hijiex l-unika prova</u> għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel

> Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti.

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:

> "Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.
>
> Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."

Irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

> "26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.
> 27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:
>
> > *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*
>
> 28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.
>
> 29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda

taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubbblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubbblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Lulju 2021, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut**, il-Qorti Kriminali qalet hekk dwar din il-materja wara li rreferiet fit-tul għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin u tal-Qorti Ewropea dwar l-istess:

"Fil-gurisprudenza ndikata iktar il-fuq, ma jistax ma jigix innutat li filwaqt li certu sentenzi jenfazizzaw l-inammisibilta' ta' stqarrija, meta susspetat ma kienx akkumpanjat mill-avukat tieghu qabel u fil-hin tal-interrogazzjoni, *stante* li difett bhal dan ma jistax jigi sanat, sentenzi ohrajn jtennu illi sempliciment ghax susspettat ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tieghu qabel u fil-hin tal-interrogazzjoni ma ghandux awtomatikament ifisser li l-istqarrija li hu jkun irilaxxa hija inammissibli u ghaldaqstant tali proceduri ghandhom jigu evalwati fit-totalita' taghhom u jittiehed kont tal-'*overall fairness'* ta' l-istess proceduri.

**Din il-Qorti tinnota b' dispjaċir u tenfasizza li certament ma jistax jingħad li hemm certezza legali u cioe' 'legal certainty' dwar din il-kwisjtoni.**" [sottolinear ta' dik il-Qorti]

B'mod partikolari, il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello**, fejn bħal fis-sentenza fil-każ ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf, Josephine Wadi**, tal-istess

jum, dik il-Qorti kkonkludiet hekk dwar stqarrijiet rilaxxjati fiż-żmien meta suspettat ma kellux id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu:

> "***23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta' l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.***"

Dwar dan il-Qorti Kriminali kompliet hekk:

> "**Din il-Qorti temfasizza li nonostante l-fatt li l-legislatur ma ghamilx regola li teskludi l-ammissjoni ta' stqarrija rilaxxata fi zmien fejn suspettat ma kellux id-dritt li jkollu Avukat prezenti suspettat, tqis li wiehed ma jistax jistenna li l-legislatur sejjer jindika c-cirkostanzi kollha ta' meta prova ma ghandhiex valur probatorju. Izda d-decizjoni dwar jekk prova ghandhiex valur probatorju ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qrati.**
>
> **Din il-Qorti in oltre' taghmilha cara li ma taqbilx li stqarrija rilaxxata minghajr ma persuna tkun inghatat id-dritt li jkollha Avukat prezenti qabel u waqt it-tehid tal-istqarrija ghandha tibqa' in atti, tiġi murija l-gurati u li jkun fl-indirizz li l-Qorti taghti direzzjoni lil gurati dwar il-valur probatorju taghha. Wiehed ma jistax jinsa' li meta si tratta ta' gurati ta' fatt, ma jistax jinghad li bil-fatt li l-Imhallef ikun ta' direzzjoni sabiex l-istqarrija ma tinghatax valur probatorju sejjer jiġi assigurat li l-gurati mhumiex se jkunu gia influwenzati b'dak imnizzel fl-istqarrija li tkun a disposizzjoni taghhom**." [enfasi ta' dik il-Qorti]

L-istess Qorti mbagħad irreferiet għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-istess jum ossia tas-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat** fuq ċitata, kif ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Alexander Hickey** tal-istess jum, fejn il-Qorti Kostituzzjonali waslet għall-konklużjoni differenti, u fl-aħħar każ iddeċidiet li ma kellux isir użu mill-istqarrijiet tal-imputat minkejja l-fatt li dawn kienu ġew anke ikkonfermati bil-ġurament u kienet ġiet reġistrata ammissjoni fil-mori tal-proċeduri. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar madankollu din il-Qorti tirrileva wkoll illi l-imputat kien għadu minuri

meta rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu u tenut kont ta' ċirkostanzi oħrajn imsemmija fl-istess sentenza, seta' jiġi meqjus bħala persuna vulnerabbli.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali mbagħad irreferiet ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fejn ingħad hekk:

> "Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta t-tieni eċċezzjoni tal-intimat għaliex jekk din tintlaqa' ma jkunx hemm ħtieġa li teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħrajn. Huwa skontat li m'hemm l-ebda jedd fundamentali taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni jew taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni bħala tali. Hemm jedd fundamentali għal smiegħ xieraq. Biex jiġi stabbilit ksur ta' dan il-jedd, irid jiġi eżaminat il-proċess – f'dan il-każ proċess kriminali – fit-totalita` tiegħu u mhux jiġi maqsum biex issir enfasi fuq xi episodju partikolari. F'dan il- każ il-proċeduri għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk mhux possibbli f'dan l-istadju li l-Qorti tbassar kif sejjer ikun l-iter proċesswali sħiħ. Dan ma jfissirx li element proċedurali partikolari ma jistax minnu nnifsu ikun tant deċiżiv li l-korrettezza tal-proċess ma tkunx tista' tiġi ddeterminata qabel. Imma f'dan il-każ il-Qorti ma tista' ssib l-ebda ċirkostanza bħal din. Ir-rikorrent ġie avżat, skont id- disposizzjonijiet tal-liġi kif kienet dak iż-żmien, bid-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt. Huwa minnu li waqt l-interrogazzjoni ma kienx assistit minn avukat u ma ġiex infurmat li għandu dritt bħal dan. B'danakollu ġie mwissi li kellu d-dritt li ma jweġibx għad-domandi u fil-fatt ir-rikorrent ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu. Għalhekk ma jirriżultax – dejjem f'dan l-istadju - li r-rikorrent sofra xi nuqqas ta' smiegħ xieraq. Ma ressaq l-ebda prova li bis-silenzju tiegħu seta' nkrimina ruħu;"

F'dan ir-rigward, il-Qorti Kriminali kompliet hekk:

> "Sussegwentament, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **'Clive Dimech v. Avukat Generali'** datata is-27 ta' Jannar, 2021 ipprovdiet illi peress li l-akkuzat ma wiegeb ghall-ebda domanda waqt l-interrogazzjoni, din ma kienitx ser tkun ta' pregudizzju ghall-istess akkuzat. Minkejja dan, **din il-Qorti xorta wahda enfasizzat li jkun floku li fil-proceduri kriminali ma jsirx uzu mill-istqarrija bhala prova**.
>
> L-akkuzat, Clive Dimech, ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet maghmula lilu u ghaldaqstant l-istqarrija ma kienitx wahda nkriminanti. Madankollu, il-Qorti xorta wahda pprovdiet illi din m'ghandiex tintuza bhala prova u ghal din ir-raguni din is-sentenza hi ta' sinifikat.

Sal-lum il-gurnata, ghadu mhux stabbilit b'certezza jekk ikunx hemm ksur ta' dritt tas-smiegħ xieraq meta akkuzat kemm qabel kif ukoll matul l-istqarrija ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tal-fiducja tieghu meta l-ligi dak iz-zmien ma kienitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghaldaqstant din l-istqarrija ghandiex tigi sfilzata o meno. Din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li tqis jekk hemmx possibilita' ta' ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq, izda ghandha tqis biss jekk l-istqarrija hiex inammissibli jew le.

Fis-sentenza ricentissima fl-ismijiet '**Christopher Bartolo vs Avukat ta l-Istat'**[7], Il-Qorti ddecidiet bl-istess mod ta' kif iddecidiet fis-sentenzi **Onuorah Morgan vs Avukat Generali** u **Clive Dimech vs Avukat Generali** indikati supra. Din il-Qorti rreteniet is-segwenti:

> *74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina tal-provi. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole,* ***a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu****.*

Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:

> *79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018.* ***Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess****.*
>
> *80. Għalhekk anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li ġew leżi l-artikolu 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.*" [enfasi ta' dik il-Qorti]

[7] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju, 2021.

Il-Qorti Kriminali mbagħad ikkonkludiet hekk fis-sentenza tagħha:

> "**Illi ghal darba ohra din il-Qorti qed tenfasizza illi m'ghandiex kompitu tiddecidi kienx hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, madankollu ghandha kompitu li tiddecidi fuq l-ammisibilta' o meno tal-istqarrija tal-akkuzat u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-*overall fairness* tal-proceduri.**
>
> B'referenza ghal punti elenkati f'**Beuze** aktar il-fuq, fost ohrajn, jirrizulta illi l-akkuzat kien maggorenni u ma ngghabet l-ebda prova li dan b'xi mod jista' jiġi kkunsidrat bhala vulnerabbli. Ma jirrizultax illi c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienet intimidanti u l-istess stqarrija inghatat volontarjament.
>
> Irid jiġi enfasizzat illi meta l-akkuzat irilaxxa din l-istqarrija, il-ligi taghna ma kinietx tipprovdi ghad-dritt ta' l-assistenza legali **qabel u waqt** l-interrogazzjoni. Hawn hekk il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenzi sucitati fosthom **Borg vs Malta** u **Navone and Others v. Monaco** fost ohrajn, fejn gie ritenut illi jekk l-akkuzat/suspettat ma bbenifikax mid-dritt ta' l-assistenza legali minhabba *systematic restriction*, allura jirrizulta ksur ta' Artiklu 6 ta' Konvenzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.
>
> Din il-Qorti tinnota illi ma gewx imressqa xi ragunijiet impellanti - "*compelling reasons*" - sabiex l-akkuzat ma jithalliex ikollu avukat prezenti kemm qabel u kemm waqt l-interogazzjoni tieghu u *stante* li l-unika raguni kienet ta' restrizzjoni sistematika.
>
> Fl-istqarrija tieghu l-akkuzat Sammut qieghed jaghti rendikont dettaljat, fejn fih qieghed jammetti l-involviment tieghu fir-reati li permezz taghhom qieghed jigi akkuzat. Ghaldaqstant u minghajr ebda dubju, din l-istqarrija thalli mpatt sinifikanti fuq il-proceduri kontra l-akkuzat.
>
> Issir referenza ghas-sentenza ricenti moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi**[8], liema sentenza ma ġietx appellata mill-Avukat Ġenerali, fejn il-Qorti ccitat id-diversi sentenzi msemmija f'din l-istess sentenza u wara li gibdet l-attenzjoni dwar id-divergenzi tas-sentenzi moghtija fuq dan is-suggett u l-importanza tal-*legal certainty,* ikkonkludiet billi ddikjarat l-istqarrija ta' l-akkuzat inammissibli u sussegwentament talbet l-isfilz taghha. Din is-sentenza giet segwita wkoll b'zewg sentenzi ohra fl-

[8] Deċiża mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Frar, 2021.

ismijiet **Il-Pulizija vs Yousef Essesi**[9] u **Il-Pulzija vs Kevin Tabone**[10] li gew decizi bl-istess mod.

Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leziva tad-drittijiet tal-akkuzat, in vista tal-fatt li l-Qrati ghadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar stqarrija li giet mehuda minghajr ma l-akkuzat kellu assistenza legali, kemm qabel, kif ukoll waqt l-istqarrija, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process, **din l-istqarrija hekk rilaxxata fid-9 ta' Settembru, 2009 f' 16.54pm u tinsab a fol 31 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, kif ukoll l-istess stqarrija li giet igguramentata mill-akkuzat nhar 14 ta' Settembru, 2009 quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona u li tinsab a fol. 83 tal-process u kull referenza ghaliha, ghandhom jigu ddikjarati inammissibli**." [enfasi ta' dik il-Qorti]

Fil-każ odjern, huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputat jingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel u waqt l-interrogatorji tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante li huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti li wasslu sabiex huwa jiġi akkużat b'reati serji li saħansitra jistgħu jwasslu għall-piena ta' priġunerija tassattiva. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq ċitati, kif ukoll il-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija, u tiskarta l-kontenut tal-istqarrijiet meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li huwa jottjeni parir legali qabel u waqt l-interrogatorji tiegħu, bħala prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' traffikar tad-droga eroina, u dan b'referenza għall-21 ta' Settembru 2008 u t-tliet xhur ta' qabel din id-data. Huwa evidenti mill-provi prodotti illi l-Prosekuzzjoni qed tistrieħ kompletament fuq l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat sabiex issostni din l-imputazzjoni u illi la darba skartati dawn l-istqarrijiet, għar-raġunijiet fuq indikati, ma tibqa' l-ebda prova fl-atti proċesswali in sostenn ta' din l-imputazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina ossia illi huwa kien fil-pussess tad-droga eroina f'ċirkostanzi li juru illi din ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2021.
[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu, 2021.

Kif ingħad iżjed 'il fuq, fil-mori tal-proċeduri odjerni, l-imputat irreġistra ammissjoni limitatament in kwantu l-pussess tad-droga eroina għall-użu personali tiegħu, b'dan għalhekk illi huwa qed jikkontesta l-aggravant tal-pussess. Jirriżulta mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat ġie nnutat jarmi xi ħaġa hekk kif l-Uffiċjali tal-Pulizija bdew resqin lejh, u illi minn ħdejh dak il-ħin ġew elevati ħamest iqratas b'sustanza suspettata droga. Apparti l-ammissjoni tal-imputat dwar il-pussess tad-droga eroina, tenut kont tax-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proċeduri, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-qratas li ġew elevati kienu proprju fil-pussess tal-istess imputat u illi huwa remihom hekk kif ra lill-istess uffiċjali javviċinawh. Fir-rigward, fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2010, id-difiża ddikjarat illi kienet qegħda teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tagħmel il-prova illi t-trab kannella esebit fl-atti, ossia s-sustanza esebita mill-Ispettur Johann J. Fenech waqt ix-xhieda tiegħu, kienet eroina, u dan filwaqt illi ddikjarat ukoll illi kienet qegħda taqbel illi dan it-trab kien fil-fatt eroina.

Illi kif tajjeb issottometta l-abbli difensur tal-imputat fit-trattazzjoni finali, la darba l-Prosekuzzjoni kienet sodisfatta b'din id-dikjarazzjoni tad-difiża fis-sens illi s-sustanza esebita kienet droga eroina u la darba ma talbitx illi l-Qorti taħtar espert sabiex jiżen is-sustanza, baqgħet ma nġabet l-ebda prova fl-atti dwar il-piż tad-droga in kwistjoni, u kif din kienet maqsuma f'kull qartas.

Huwa minnu illi l-fatt illi l-imputat kien qiegħed barra, fil-pussess ta' ħamest iqratas kontenenti d-droga eroina, jista' jinduċi suspett illi din id-droga ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda s-suspett waħdu ma jagħmilx prova. Għajr għan-numru ta' qratas illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu, ma tirriżulta l-ebda prova indizzjarja fl-atti li tista' turi illi l-pussess tad-droga eroina ma kienx għall-użu esklussiv tal-imputat, apparti l-fatt illi kif tgħid ukoll id-difiża fit-trattazzjoni tagħha, jirriżulta wkoll mill-atti, speċifikatament minn sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat, u esebita mill-Prosekuzzjoni, illi l-istess imputat diġa` kellu skontri mal-ġustizzja in konnessjoni mad-droga. Dan ifisser illi l-imputat kien jagħmel użu mid-droga, u illi dan l-użu kien imur lura għas-sena 2005 u s-snin ta' qabel – skont l-imputazzjonijiet kif dedotti fl-imsemmija sentenza – għalkemm dan mhux neċessarjament b'mod intermettenti sad-data tal-każ odjern. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti jidhrilha illi din l-imputazzjoni kif dedotta ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata. Madankollu l-imputat qed jinstab ħati tal-pussess 'sempliċi' tad-droga eroina b'referenza għall-21 ta' Settembru 2008 u mhux għat-tliet xhur ta' qabel din id-data, dwar liema perjodu ma nġabet l-ebda prova.

Permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, imbagħad, l-imputat qed jiġi addebitat bl-aggravju tad-distanza. La darba l-imputat qed jinstab ħati biss tar-reat ta' pussess tad-droga eroina għall-użu personali tiegħu, dan l-aggravju ma japplikax u dan ai

termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa applikabbli biss għar-reati indikati fil-paragrafi (a)(i) u (b)(i) tal-istess sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-imsemmi Kapitolu. Għaldaqstant, l-imputat mhux qed jinstab ħati ta' dan l-aggravju.

Permezz tar-raba' imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat talli ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu, xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi meta l-Uffiċjali tal-Pulizija marru sabiex jelevaw dak li kien rema l-imputat, huma sabu l-qratas tal-eroina u mus. Il-Qorti tqis illi kuntrarjament għal dak li xehdet WPC 297, fis-sens illi l-imputat dak il-ħin kien qiegħed waħdu, PS 1044 jgħid illi dak il-ħin, kien hemm erba' żgħażagħ bil-wieqfa ħdejn il-*pitch* tal-boċċi, fosthom l-imputat odjern. Minkejja dan, madankollu, il-Qorti tqis ukoll illi huwa inverosimili illi b'kumbinazzjoni kellu jinstab mus proprju ħdejn il-qratas li kien rema l-imputat u ħdejn l-istess imputat, jew li dan ma kienx ġie mormi minnu wkoll bħal qratas jew illi ħaddieħor kien rema l-istess mus, meta dan instab proprju ħdejn l-istess imputat. Anke l-post fejn instabu l-oġġetti in kwistjoni huwa ndikattiv illi l-istess mus kien ġie mormi mill-imputat u mhux illi kien diġa` jinsab fil-post. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi ġie sodisfaċentement ippruvat illi l-mus in kwistjoni kien fil-pussess tal-imputat odjern.

L-Artikoli 6 u 7 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta jgħidu hekk:

> 6. Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.
>
> 7. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:
>
> (a) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;
>
> (b) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post u ċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawk il-finijiet.

Il-Qorti rat hija stess l-esebit li jikkontjeni l-mus in kwistjoni u ma tarax għaliex l-imputat kellu joqgħod idur b'dan il-mus. Għaldaqstant, tqis illi din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Finalment, l-imputat ġie akkużat ukoll illi kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano, nhar is-26 ta' Jannar 2007. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti, preseduta kif ingħad, datata 26 ta' Jannar 2007, fl-ismijiet 'Pulizija (Sp. Dennis Theuma) vs Glenn Charles Bonnici'.[11] Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2010, id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' l-prova tal-identita` tal-imputat fis-sentenza msemmija[12], oltre illi mill-istess sentenza jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-każ huma identiċi għall-konnotati tal-imputat odjern. Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi s-sentenza esebita ngħatat proprju fil-konfront tal-istess imputat. Minn din is-sentenza jirriżulta illi l-imputat instab ħati tar-reati ta' pussess 'sempliċi' tad-drogi eroina u tar-raża tal-*cannabis*, u illi huwa ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn minn dakinhar tal-istess sentenza. Dan ifisser illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati llum, ġew kommessi minnu fil-perjodu operattiv ta' din il-liberazzjoni kundizzjonata. Tqis ukoll illi mill-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sas-26 ta' Jannar 2021, ma jirriżultax illi din is-sentenza ġiet appellata. Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena dwar ir-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati llum, il-Qorti qed tqis il-fedina penali aġġornata tal-imputat, liema fedina penali hija waħda pjuttost refrattarja, bl-aħħar kundanna madankollu li tirrisali għal Novembru tas-sena 2016.

Tqis ukoll illi kif ingħad, fil-każ odjern ma nġabitx prova dwar il-piż tat-trab kontenenti d-droga eroina u tenut kont ukoll tal-fatt illi l-imputat kien fil-pussess ta' mhux iżjed minn ħamest iqratas, id-dubju għandu jmur favur l-imputat u għaldaqstant, il-Qorti ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis in oltre fir-rigward tar-reati mertu tas-sentenza tas-26 ta' Jannar 2007, li dwarhom din il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat, mhux biss illi dawn ir-reati jmorru lura għas-sena 2005 u s-snin ta' qabel, għalkemm irid jingħad ukoll illi din il-kawża twalet inutilment minħabba dewmien ikkawżat mill-istess imputat, iżda wkoll in-natura tal-istess imputazzjonijiet u illi llum, bl-emendi li daħlu permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, il-pussess tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iżjed minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, m'għadux jikkostitwixxi reat, ai termini tal-Artikolu 4A(1) tal-Kap. 537 tal-

[11] Ara Dok. JF 4, a fol. 15 u 16 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 21 tal-proċess.

Liġijiet ta' Malta. Mis-sentenza in kwistjoni, ma jirriżultax il-piż tar-raża tal-*cannabis* għall-użu personali illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu, u għaldaqstant il-Qorti tqis illi d-dubju għandu jmur favur l-imputat. Tqis ukoll in oltre illi filwaqt illi għandha tikkonferma l-ħtija tal-imputat dwar l-istess reat la darba din is-sentenza għaddiet in ġudikat, fiċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali, mhijiex ser titratta mal-imputat dwar ir-reat mertu tat-tieni imputazzjoni fil-każ deċiż nhar is-26 ta' Jannar 2007. Għaldaqstant, ser titratta mal-imputat biss fir-rigward tar-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni ossia l-pussess tad-droga eroina u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq, billi teroga piena pekunjarja, ukoll fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Glen Charles Bonnici** mhux ħati tal-ewwel, tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u tat-tielet imputazzjoni u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tar-reat tal-pussess 'sempliċi' tad-droga eroina kompriż u nvolut fit-tieni imputazzjoni u dan in kwantu biss il-jum tal-21 ta' Settembru 2008, kif ukoll tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah in kwantu r-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga eroina, għall-penali ta' mitt ewro (€100), u in kwantu r-raba' imputazzjoni għall-piena ta' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni, filwaqt illi għal kull buon fini tikkonferma l-ħtija tal-istess **Glen Charles Bonnici** fir-rigward tar-reati mertu tas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano tas-26 ta' Jannar 2007, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati, wara li rat Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a) u 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 4(1) u 4A(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed titratta mal-istess imputat dwar ir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni (pussess tad-droga eroina) billi tikkundannah għall-penali ta' mija u ħamsa u għoxrin ewro (€125), filwaqt illi mhijiex qed titratta miegħu dwar ir-reat mertu tat-tieni imputazzjoni (pussess tar-raża tal-*cannabis*).

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-mus formanti parti minn Dok. JF 1.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga formanti parti minn Dok. JF 1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat